# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Erbgħa, 25 ta' Settembru 2024**

**Rikors Nru: 94/2024**
**Nru fuq il-Lista: 7**

**Mariano Debono [K.I. 401774(M)] f'ismu personali kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Matilde Debono [K.I. 442179(M)], Graziella Spiteri Bezzina [K.I. 561377(M)], Danilo Bezzina [K.I. 456083(M)], Agnes Bezzina [K.I. 258649(M)] għan-nom u in rappreżentanza ta' Stephen Bezzina [K.I. 402974(M)], Alison Pace [K.I. 86472(M)], Horace Camilleri [K.I. 8671(M], Rodianne Chircop [K.I. 101984(M)], Robert Bezzina [K.I. 567078(M)], Francis Bezzina [K.I. 693340(M) Pancrazio Bezzina [K.I. 996146(M)], Angolina sive Lina Debono [K.I. 218348(M)], Luciano Bezzina [K.I. 322352(M)]**

**vs**

**Emanuel De Giorgio [K.I. 499955(M)] U Agatha Degiorgio [K.I. 265051(M)] u L-Awtorità tad-Djar**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur mressaq fis-26 ta' Frar 2024[1], flimkien mad-dokumenti hemm annessi, fejn *ad litteram*, ġie premess u ntalab is-segwenti;

1. *Illi r-rikorrenti Mariano Debono, Matilde Debono, Graziella Spiteri Bezzina, Danilo Bezzina, Stephen Bezzina, Alison Pace, Horace Camilleri, Rodianne Chircop u Robert Bezzina, huma l-proprjetarji tal-fond bin-numru mitejn hamsa u ghoxrin (225) bl-isem 'Agman', Triq Lampuka, Tarxien, liema fond gie ghandhom permezz ta' wirt minghand Nazzareno Bezzina u martu Matilda Bezzina.*

2. *Illi r-rikorrenti l-ohra u cioe Francis Bezzina, Pancrazio Bezzina, Angolina sive Lina Debono u Luciano Bezzina huma l-uzufruttwarji tal-fond mertu ta' din il-kawza.*

3. *Illi l-art li fuqha dan il-fond gie zvillupat kien gie akkwistat minn Nazzareno Bezzina matul iz-zwieg tieghu ma' Matilda Bezzina permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia ta' l-erbgha ta' April tas-sena elf disa mija tlieta u sebghin [04.04.1973], kif jidher mill-anness dokument li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok C****.*

4. *Illi Nazzareno Bezzina miet nhar is-sbatax ta' Lulju tas-sena elf disa mija tnejn u tmenin [17/07/1982] filwaqt li martu Matilda Bezzina mietet nhar l-erbgha ta' Ottubru tas-sena elf disa mija sitta u sebghin [04/10/1976] u permezz ta' testament unica charta fl-atti tan-Nutar George Cassar tad-disgha u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elf disa mija hamsa u sebghin [29.07.1975] huma hallew l-usufrutt ta' gidhom kollu a favur is-sitt [6] uliedhom (Francis Bezzina, Pancrazio Bezzina, Angolina sive Lina Debono, Luciano Bezzina, George Bezzina u Vincent Bezzina) u nnominaw eredi universali taghhom lin-neputijiet taghhom kollha u "cioe lit-tfal nati u naxxituri tas-sitt uliedhom" fi kwoti indaqs bejniethom (Mariano Debono, Matilde Debono, Graziella Spiteri Bezzina, Danilo Bezzina, Alison Bezzina, Stephen Bezzina, Matilde Camilleri, Rodianne Chircop u Robert Bezzina, kif jidher mill-anness dokument li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok D1-D4****.*

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

5. *George Bezzina gie nieqes nhar it-tlieta ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta [03.01.2003], kif jidher mill-anness dokument li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok E*** *u ma kellux tfal.*

6. *Vincent Bezzina miet nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin [24.09.2020] u permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Joe Cilia tas-sbatax ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax [17/03/2016] innomina u stitwixxa bhala eredi universali u padruni assoluti ta' gidu kollha, presenti u futuri lil Robert u Rodianne [ulied hu t-testatur Pancrazio Bezzina]; Alison, Matilde sive Maudlyn u Stephen [ulied hu t-testatur Francis Bezzina]; Graziella u Danilo [ulied hu t-testatur Luciano Bezzina]; Mariano u Matilde [ulied oht it-testatur Lina Debono], ilkoll fi kwoti indaqs bejniethom bis-sostituzzjoni volgari t'uliedhom u in mankanza bid-dritt ta' l-akkrexximent bejniethom, kif jidher mill-anness dokument li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok F1-F4****. Id-dikjarazzjoni kawza mortis ta' l-istess Vincent Bezzina giet ppublikata permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anton Borg tat-tnax ta' April tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin [12/04/2022], kif jidher mill-anness dokument li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok G****.*

7. *Matilde Camilleri mietet fit-tmienja ta' Awwissu tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin [08/08/2021] u permezz ta' testment unica charta fl-atti tan-Nutar Josef Christian Masini Vento tas-sittax ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha [16/07/2009] hija hatret lil zewgha Horace Camilleri eredi universali u padrun assolut ta' gidha kollu. [****Dok H1-H4].***

8. *Illi b'kuntratt ta' koncessjoni enfitewtika temporanja fl-atti tan-Nutar George Cassar tat-tmintax ta' Frar tas-sena elf disa mija hamsa u sebghin [18/02/1975] Nazzareno Bezzina ikkonceda b'titolu ta' cens temporanju ghal zmien sbatax (17)-il sena b'effett mill-1 ta' April tas-sena elf disa mija hamsa u sebghin [01/04/1975] lil Emanuel DeGiorgio il-fond ossija it-terran bl-isem 'Agman' illum bin-numru ufficcjali mitejn hamsa u ghoxrin (225), f'Lampuka Street, Tarxien versu c-cens annwu u temporanju ta' sitt lira (Lm60) fis-sena pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem, kif jidher mill-anness dokument li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok J.***

9. *Illi din il-koncessjoni skadiet nhar l-1 ta' April 1992 u peress li l-intimati Degiorgio kienu cittadini Malti u residenti fil-fond fuq imsemmi, prorpjeta*

*tar-rikorrenti, a tenur ta' l-artikolu 12(2)(b)(i) tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta, c-cens temporanju gie kkonvertit f'kera.*

*10.Illi ai termini tal-Att XXIII tal-1979 l-intimati konjugi Degiorgio pretendew li huma jistghu jibqghu jghixu fil-fond bhala residenza ordinarja taghhom billi jhalsu kera doppja.*

*11.Illi ghalhekk l-intimati bdew igawdu kirja srufzata fuq is-sid u l-antenati taghha minghajr ma nzamm proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilin.*

*12.Illi kif jirrizulta mid-***Dok K** *hawn anness, il-fond in kwistjoni mhux dekontrollat.*

*13.Illi r-rikorrenti ser ikunu qieghdin jipprezentaw Rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), fejn talbu lill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali sabiex tiddikjara illi d-dispozizzjonijiet tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta jilledu d-drittijiet kostituzzjonali u konvenjonali taghhom.*

*14.Illi ai termini tal-Att XXVII tal-2018, senjament a tenur tal-Artikolu 12B tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti ghandhom dritt jitolbu li l-kera tigi riveduta ghal ammont li ma jeccedix tnejn fil-mija (2%) tal-valur liberu u frank fis-suq tad-dar t'abitazzjoni fl-1 ta' Jannar 2023 u sabiex jigu stabbiliti kundizzjonijiet godda fir-rigward tal-kera, b'dan illi r-rikorrenti ser jezercitaw dan id-dritt strettament bla pregudizzju ghad-dritt taghhom li jitolbu dikjarazzjoni mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) li tali emendi tal-Att XXVII tal-2018 jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem.*

*15.Illi fl-istadju inizjali tal-procedimenti dan l-Onorabbli Bord ghandu jwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilini konjugi Degiorgio skond ir-Regolamenti dwar it-tkomplijja tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) mahruga taht l-Artikoli 1531F u 1622A tal-Kodici Civili u kwalunkwe regolamenti li jistghu minn zmien ghal zmien jissostiwixxuhom, liema test tal-mezzi ghandu jkun ibbazat fuq id-dhul tal-inkwilini Degiorgio bejn l-1*

*ta' Jannar u l-31 ta' Dicembru 2023 u fuq il-kapital tal-istess inkwilini Degiorgio fil-31 ta' Dicembru 2023.*

16. *Illi jekk l-inkwilini ma jissodisfawx il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, dan l-Onorabbli Bord ghandu jaghti decizjoni li tippermetti lill-inkwini zmien ta' hames snin sabiex il-fond jigi vakat. Il-kumpens f'dan il-perjodu jammonta ghad-doppju tal-kirja li kien tkun pagabbli skond l-Artikolu 12 jew 12A tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Jghid l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex dan l-Onorabbli Bord m'ghandux:*

1. *Jiddikjara u jiddeciedi illi l-intimati konjugi Degiorgio huma l-inkwilini tal-fond bin-numru mitejn hamsa u ghoxrin (225) bl-isem 'Agman', Triq Lampuka, Tarxien, li kien originarjament moghti taht titolu ta' enfitewsi temporanju ghal-perjodu ta' 17-il sena mill-1 ta' April, 1975 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar George Cassar.*

2. *Jordna li jwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilini konjugi Degiorgio li ghandu jkun ibbazat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi mahruga taht l-Artikolu 1531F u 1622A tal-Kodici Civili) u kwalunkwe regolamenti li jistghu minn zmien ghal zmien jissostitwixxuhom, liema test ghandu jkun ibbazat fuq id-dhul tal-inkwilini konjugi Degiorgio bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Dicembru 2023 u fuq il-kapital tal-istess konjugi Degiorgio fil-31 ta' Dicembru 2023;*

3. *Jiddikjara u jiddeciedi illi ai termini tal-Att XXVII tal-2018, il-kera ghandha tigi riveduta ghal ammont li ma jeccedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuh tal- fond bin-numru mitejn hamsa u ghoxrin (225) bl-isem 'Agman', Triq Lampuka, Tarxien, mill-1 ta' Jannar 2023 u sabiex jigu stabbiliti kundizzjonijiet godda fir-rigward tal-kera u fin-nuqqas jekk l-intimati konjugi Degiorgio ma jissodisfawx il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi li l-intimati Degiorgio jigu permessi zmien hames snin sabiex il-fond jigi vakat, oltre li jhallsu kumpens pagabbli lis-sidien rikorrenti ghall-okkupazzjoni tal-fond matul l-imsemmi perjodu li jammonta ghad-doppju tal-kirja li kienet tkun pagabbli skond l-Artikoli 12 u 12A tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skond il-kera li kellha tkun vigenti ai termini tal-Att X tal-2009 li*

*m'ghandhiex tigi kunsidrata inqas mill-kera annwali dovuta fl-1 ta' Jannar 2023 meta l-istess kera ghandha toghla fuq it-tlett snin ta' qabel.*

4. *Jordna f'kaz illi l-intimati konjugi Degiorgio ma jissodisfawx il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-izgumbrament tal-istess konjugi mill- fond bin-numru mitejn hamsa u ghoxrin (225) bl-isem 'Agman', Triq Lampuka, Tarxien, fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord wara hames snin mis-sentenza sabiex il-fond jigi vakat.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.*

Ra d-digriet ta' dan il-Bord tad-29 ta' Frar 2024[2], fejn dan ir-rikors ġie appuntat għas-smiegħ.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar mressqa fil-21 ta' Marzu 2024[3].

Ra r-risposta tal-intimati De Georgio tat-22 ta' Marzu 2024[4].

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-15 ta' April 2024,[5] fejn ġew maħtura l-Periti Mario Cassar u Elena Borg Costanzi.

Ra n-nota tal-intimati De Giorgio tal-15 ta' April 2024[6] kontenenti d-dokumenti relattivi għat-twettieq tat-test tal-mezzi.

Ra r-rapport peritali tal-Membri Tekniċi mressaq fit-23 ta' Mejju 2024[7].

---

[2] A fol 94 *et seq* tal-proċess.
[3] A fol 98 tal-proċess.
[4] A fol 101 tal-proċess.
[5] A fol 103 tal-proċess.
[6] A fol 104 *et seq* tal-proċess.
[7] A fol 200 *et seq* tal-proċess.

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2024[8] fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra;**

Illi l-proċeduri odjerni huma bbażati fuq l-Att XXIV tas-sena 2021, liema Att nieda proċedura simili għal dik li kienet daħlet fil-konfront ta' kirjiet ibbażati fuq il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-verità l-Att XXIV tas-sena 2021 wettaq ukoll diversi emendi mill-Att preċedenti[9] u dan fi żmien relattivament qasir. Din il-leġislazzjoni hija frott numru konsiderevoli ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nostrana li ddikjarat kemm il-darba ksur tad-drittijiet fundamentali ta' sidien, kemm fir-rigward ta' kirjiet naxxenti mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll dawk li jemerġu mill Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi huwa minnu li l-azzjoni hawn utilizzata tippermetti ċertu ammont ta' diskrezzjoni (u allura responsabbiltà) lil dan il-Bord fl-iffissar tal-persentaġġ li għandu jintuża[10]. Madanakollu, għal dan il-Bord, huwa ċar li dan il-persentaġġ, sakemm verament ma jiġux pruvati xi ċirkostanzi estremi, għandu dejjem ikun viċin il-massimu tiegħu[11]. Naturalment dan huwa aktar aċċentwat f'każ fejn xi

[8] A fol 208 tal-proċess.

[9] Att XXVII tas-sena 2018.

[10] Dwar dan il-Bord jissenjala li l-leġislatur ħass li fejn qabel, l-Att Nru. XXVII tas-sena 2018 kien jistabbilixxi x'għandu jeżamina l-Bord meta jiġi biex jistabbilixxi l-kirja pagabbli (u dan fil-konfront tal-azzjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta), dan il-fattur tneħħa bl-Att Nru XXIV tas-sena 2021. B'hekk skond il-liġi tal-lum, il-Bord hu fil-libertà li jqis kull fattur li huwa jirritjeni determinanti.

[11] Huma issa diversi s-senjalazzjonijiet magħmula fi proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali fuq dan l-aspett. Fost diversi, il-Bord jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Maria Carmela Buhagiar *et* vs Avukat tal-Istat *et***, (Rik Kost Nru: 120/20/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Ukoll, issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Fatima Azzopardi *et* vs Carmelo Azzopardi *et***, (210/2020/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Lil hinn minn deċiżjonijiet f'dik il-kompetenza però, dan il-Bord jagħmel referenza għal dak li ntqal u ġie deċiż fl-ismijiet **Helen**

sidien, qabel ma jkunu niedu din il-proċedura, jkunu ottjenew dikjarazzjoni li huma sfaw vittmi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Ikun ħażin li f'każ bħal dak, dan il-Bord possibbilment ikun hu stess kaġun ta' kontinwazzjoni ta' dik il-vjolazzjoni billi jiffissa kirja b'persentaġġ tant baxx li l-kirja l-ġdida tispiċċa wkoll tkun waħda irriżorja.

Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet imiss li dawn il-prinċipji jiġu applikati għall-każ odjern.

Illi dwar it-titolu[12], il-Bord huwa sodisfatt mid-dokumentazzjoni mressqa mir-rikorrenti li ma ġewx kontradetti.

Illi minn eżami tad-dokumentazzjoni tal-intimati De Giorgio relattivi għat-test tal-mezzi, il-Bord isib li huma jissodisfaw it-test tal-mezzi rikjest, skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11[13].

Illi skond il-Periti Membri Tekniċi, il-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond in kwistjoni, fil-perjodu rilevanti skond il-liġi, jammonta għal mija u ħamsa u tmenin elf Ewro (€185,000). Tajjeb jingħad li fil-verbal tal-15 ta' April 2024, ġie speċifikat li ma kellux jittieħed qies tal-eventwali potenzjal tal-fond in

---

**<u>Sammut vs Joseph Vella *et,*</u>** (Appell Inferjuri Numru 114/2021LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-15 ta' Marzu 2023, fejn aggravju fuq punt simili ġie miċħud.

[12] Dwar dan, il-Bord jiġbed l-attenzjoni għal-fatt li n-nomenklatura ta' min jista' jħejji azzjoni ai termini tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta inbidel. Filwaqt li l-Att XXVII tas-sena 2018 (relevanti għall-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta) kien isemmi li l-azzjoni li kien "il-propjetarju" li seta' jippreżenta tali rikors, l-Att XXIV 2021, ġustament, illum jutilizza l-kliem "sid il-kera".

[13] Regolamenti 5(6) u 6(5) magħdud ma' dak li jrid Regolament 9.

kwistjoni[14]. Ir-rapport kien wieħed unanimu u għalhekk dan il-Bord qiegħed jaċċetta dik il-konklużjoni[15].

Illi kif diġà ntqal, għal dan il-Bord, persentaġġ viċin il-massimu ta' 2% għandha tkun ir-regola, u f'dan il-każ ma ġiet ippruvata l-ebda ċirkostanza li twassal il-Bord sabiex jistabbilixxi persentaġġ inqas mill-massimu li tippermetti l-liġi[16]. B'hekk, il-kera annwali pagabbli tal-fond in kwistjoni għandu jkun fl-ammont ta' tliet elef u seba' mitt Ewro (€3,700) fis-sena.

Illi finalment, il-Bord iqis doveruż jissenjala li l-mod ta' kif ġie mfassal ir-rikors promotur huwa errat. L-Awtoritá tad-Djar f'dawn il-proċeduri m'għandiex tiġi indikata fl-okkju tal-kawża iżda għandha biss tiġi notifikata bir-rikors promotur sabiex, a tenur ta' dak li stabbilixxa l-Att XXIV tas-sena 2021, hija tkun tista tippartecipa fi proċeduri bħal dawn, bħala intervenuta, jekk hekk tkun trid tagħmel[17]. Li wieħed jgħid kontra dan ikun ifisser li jkun qiegħed jitlob li jirrikonoxxi l-Awtoritá bħala inkwilina u li l-kera titħallas minnha stess. Dan il-fatt sejjer jiġi rifless fil-kap tal-ispejjeż.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi:

[14] F'dan is-sens il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza tiegħu fl-ismijiet **Gerald Camilleri *et* vs Alphonse Camilleri *et*,** (Rik Nru: 213/2020) mogħtija nhar is-27 ta' Ottubru 2023 (mhux appellata) li fiha ġew imħaddna l-prinċipji relattivi emerġenti mill-aħħar sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali dwar dan il-punt. Dan il-ħsieb ġie wkoll mtenni fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Bonello *noe* vs Joseph Cardona *et*,** (Rik Nru: 53/20NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar il-25 ta' Jannar 2024.
[15] Artikolu 23(3) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.
[16] Ara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Rossana Mula *et* vs Maria Theresa k/a Marthese Farrugia,** (Rik App Nru: 346/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-13 ta' Marzu 2024 fejn ġiet mibdula l-pożizzjoni mħaddna mill-istess Qorti f'deċiżjonijiet passati bħal dik fl-ismijiet **Mary Rose Spiteri *et* vs Antoine Farrugia *et*,** (App Ċiv Nru: 265/2021) mogħtija fl-24 ta' Mejju 2023
[17] Artikolu 4A(3)(a) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

1) Jilqa’ l-ewwel talba u jiddikjara u jiddeċiedi li l-intimati De Giorgio huma l-inkwilini tal-fond numru mitejn ħamsa u għoxrin (225) bl-isem ‘Agman’, Triq Lampuka, Tarxien, ai termini tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta’ Malta.
2) Jastjeni milli jqis aktar it-tieni talba billi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament ta’ dawn il-proċeduri.
3) Jilqa’ t-tielet talba u b’hekk jordna li l-intimati De Giorgio jibdew iħallsu lir-rikorrenti kera għall-fond mertu ta’ dawn il-proċeduri, u ċioé l-fond numru, mitejn ħamsa u għoxrin (225) bl-isem ‘Agman’, Triq Lampuka, Tarxien, fl-ammont ta’ tliet elef u seba’ mitt Ewro (€3,700) fis-sena, fl-ammont ta’ tliet mija u tmien Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€308.33ċ) fix-xahar, pagabbli kull xahrejn bil-quddiem, u dan mid-data ta’ din is-sentenza.
4) Jiċħad ir-raba’ talba (li ngħatat b’mod alternattiv).
5) Jiċħad l-eċċezzjonijiet sa fejn inkompatibbli ma’ dak hawn deċiż.

L-ispejjeż tar-rikorrent u tal-Awtoritá tad-Djar jitħallsu mir-rikorrent[18]. L-ispejjeż tal-intimati inkwilini jitħallsu mill-istess intimati.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[18] Dan minħabba l-fatt li l-Awtoritá tad-Djar ġiet ċitata fl-okkju b’mod żbaljat.